SANTA LUĊIJA

# Pjan ta' Ħidma 2019

Il-Kunsill qed jippreżenta pjan ta' ħidma għas-sena 2019. Dan il-pjan jinkludi proġetti pendenti kif ukoll proġetti u inizjattivi ġodda li l-Kunsill ser ikun qed jaħdem fuqhom matul is-sena.

## 1. Allokazzjoni Finanzjarja għas-sena 2019

Bħal kull sena l-Kunsill ser jingħata allokazzjoni finanzjarja mill-Gvern Ċentrali biex ikun jista' jwettaq il-ħidma tiegħu skond il-funzjonijiet li jaqgħu taħt ir-responsabbilta' tiegħu. L-allokazzjoni li ser jirċievi l-Kunsill għas-sena 2019 tammonta għas-somma ta' €353,142.00 li hija mqassma skond il-funzjonijiet kif jidher fit-tabella t'hawn taħt.

| **Funzjonijiet** | **€uro** |
|---|---:|
| **Zamma ta' Ġonna, Green Areas u Latrini** | **98,704.72** |
| **Amministrazzjoni** | **98,695.60** |

| | | |
|---|---:|---:|
| **Manutenzjoni Żoni Urbani** | **53,343.00** | |
| **Manutenzjoni Żoni Rurali** | **1,465.00** | |
| **Knis** | **31,752.00** | |
| **Tindif Żoni Rurali** | **637.00** | |
| **Total manutenzjoni ta' toroq** | | **87,197.00** |

| | |
|---|---:|
| **Waste Tipping Fees** | **11,894.00** |
| **Immaniġjar ta' Skart** | **56,652.87** |

| | |
|---|---:|
| **Allokazzjoni totali għas-sena 2019** | **353,142.00** |

## 2 PROĠETTI SENA 2019

### *2.1 Upgrading ta' parti mill-Promenade*

Il-Kunsill ser ikun qed iħejji proposta għall-*upgrading* tal-Promenade f'Dawret it-Torri u Triq Prinjoli. Diġa sar is-*survey* tal-*area* involuta u bħalissa l-perit tal-Kunsill qed ilesti l-proposti ta' dan il-Proġett. Meta jiġu iffinalizzati l-pjanijiet, dan il-proġett jiġi ppreżentat lill-Infrastracture Malta biex jiġi implimentat.

### *2.2 Kisi ta' toroq f'Wied Garnaw*

Fl-ewwel ġimgħat ta' din s-sena l-Kunsill ser ikun qed ikompli bix-xogħol ta' kisi ta' toroq fuq żewġ toroq rurali f'Wied Garnaw. F'dawn it-toroq sar *main* ġdid tal-ilma u x-xogħol mistenni jitlesta sa l-aħħar ta' Jannar 2019. Dan il-proġett qed isir b'fondi ewropej taħt il-Miżura 4.3

### *2.3 Koordinament ta' Proġetti ma' Infrastructure Malta*

#### *2.3.1 Proġett tal-mini fi Triq tal-Barrani*

Il-Kunsill jinsab f'kuntatt kontinwu ma' Infrastructure Malta dwar dan il-proġett kbir tal-mini fit-Triq tal-Barrani li mistenni jibda fil-futur qarib. Il-Kunsill ser ikun qed jara li b'dan il-proġett ir-residenti jintlaqtu b'mod positiv fejn jidħol sigurta u effiċjenża fl-immaniġjar tat-traffiku u ser jara wkoll li jkun hemm l-inqas inkonvenjent possibli għar-residenti waqt li jkunu għaddejjin ix-xogħolijiet fuq dan il-proġett.

#### *2.3.2 Kisi ta' Toroq minn Infrastructure Malta*

Kif ġie mħabbar mill-Gvern Ċentrali, x-xogħol fuq kisi mill-ġdid tat-toroq ser isir kollu mill-Gvern Ċentrali permezz ta' Infrastructure Malta. Fil-lokalita' ta' Santa Luċija diġa tlestiet Triq Peprin fis-sena 2018. Ġie mħabbar uffiċjalment li fis-sena 2019 Infrastructure Malta ser tkun qed tagħmel xogħol ta' kisi ta' toroq fi Triq Ġiżimin. Il-Kunsill bi pjaċir jinnota li ser isiru wkoll Triq Gardenja, Triq Bruka u Triq Żnuber. Dan filwaqt li l-kumpanija li ser tkun qed taħdem fuq il-

proġett tal-mini ta’ Triq tal-Barrani ser tagħmel xogħol ta’ kisi mill-ġdid ta’ toroq fi Triq Maria de Domenicis u Triq Dun M. Mifsud.

## 3 Proġett taċ-Ċentru tal-Komunita’

Il-Kunsill ser jara li jkun hemm kontinwita fuq il-pjanijiet u l-implimentazzjoni tal-proposta ta’ bini ta’ Ċentru tal-Komunita’. Il-Kunsill huwa konxju li biex isir dan il-proġett hemm bżonn li jġib l-finanzjarment għalih u għalhekk ser jkompli jagħmel dak kollu possibli biex dan il-proġett jitwettaq.

## 4 Sistema ta’ CCTV Cameras

Wara li l-Kunsill introduċa sistema ta’ CCTV Cameras fl-*area* tal-Playing Field, din is-sena l-Kunsill qed jippjana biex jiġu nstallati wkoll CCTV Cameras fi Pjazza 7 ta’ Lulju u Pjazza Dorell.

## 5. XOGĦOL TA’ UPGRADING

### *5.1 Xogħol fuq upgrading fuq gutters f’Dawret it-Torri u Triq Prinjoli.*

Il-Kunsill ser ikun qed ikompli bl-eżerċizju intensiv li qed isir fuq is-sistemi ta’ *gutters* f’Dawret it-Torri u Triq Prinjoli. Waqt dan l-eżerċizzju wħud minn dawn il-*gutters* irid isirilhom intervent strutturali biex ikunu jistu jitnaddfu b’mod aktar effiċjenti.

### *5.2 Xogħol fuq upgrading ta’ Pjazez u Playing Field*

Il-Kunsill ser ikompli jwettaq xogħol ta’ manutenzjoni ta’ pjazzez u l-*playing field*. Dan ix-xogħol ser isir mill-ħaddiema li għandu assenjati miegħu l-Kunsill li ser ikunu qed iwettqu xogħol ieħor ta’ manutenzjoni fuq sinjali u marki tat-toroq kif ukoll *minor patching.*

### *5.3 Upgrading tal-Bring in Sites*

Il-Kuntrattur Greenpak ser ikun qed jagħmel *upgrade* tal-*bins* li hawn fil-*bring in sites* tal-lokalita’. Dan ser jinbidlu ma’ *bins* oħra mgħarufa bħala Smart Bins – iBins. L-għan huwa li

jkun hawn aktar nies li jirriċiklaw l-iskart. Din is-sena wkoll ser ikunu qed jiżdiedu żewġ Bring in Sites oħra fil-lokalita'.

### *5.4 Xogħol ta' upgrading tal-uffiċini tal-Kunsill*

Din is-sena l-Kunsill ser ikun qed jagħmel xogħol ta' *upgrading* fuq l-uffiċini tal-Kunsill biex dan ikun jista jilqa aħjar għal żieda fl-staff tal-Kunsill li kellna dan l-aħħar u biex is-servizz lir-residenti jkun jista jingħata b'mod aktar effiċjenti.

## 6. ATTIVITAJIET, SERVIZZI U INIZJATTIVI INDIRIZZATI LEJN IL-KOMUNITA':

### *6.1 Attivitajiet u inizzjattivi*

Il-Kunsill ser ikompli jaħdem biex ikomplu jsiru attivitajiet indirizzati lejn il-komunita' fosthom:

- Keep Fit Classes
- Ħarġiet
- Attivitajiet Kulturali
- Koperazzjoni bejn il-Kunsill u t-tmexxija ta' Day Care Centre
- Għajnuna fit-tagħlim għat-tfal u żgħażagħ wara l-ħinijiet tal-iskola
- Koperazzjoni mal-Awtorita' tad-Djar fuq xogħol ta' manutenzjoni tal-komun tal-blokks tal-Gvern
- Koperazzjoni maċ-Ċentru Leap fuq problemi soċjali
- Koperazzjoni mal-Fondazzjoni Right to Smile fuq il-Homework Club
- Kordinazzjoni bejn entitajiet governattivi li qed jorganizzaw korsijiet marbuta' mas-saħħa bħal taħdidiet min-nies professjonali f'dan il-qasam u organizzazjoni ta' korsijiet bħal dak li beda f'din is-sena Piz Tajjeb Tul Ħajtek
- Ikompli l-kordinarjament tal-kors għat-tfal – Aqra Miegħi.
- Tiżjin ta' toroq fil-festi tal-Milied u l-Ġimgħa l-Kbira

Minn din is-sena l-Kunsill ser ikun qed jieħu ħlasijiet tal-kontijiet tad-dawl u l-ilma.  Id-data meta ħa jibda jingħata dan is-servizz ser titħabbar permezz ta' avviż tal-Kunsill.

### 6.2 Sparar fil-festi

Din is-sena l-Kunsill ser ikun qed jagħmel *survey* fuq l-impatt li jagħmel fuq ir-residenti l-ispara tal-festi li jsir minn għalqa fil-konfini ta' Santa Luċija. L-għan huwa li l-Kunsill ikollu f'idejh

stħarriġ professjonali dwar din l-*issue* ħalli jkun jista' jwassal aħjar l-ilmenti tar-residenti lill-awtoritajiet ikkonċernati.

Caroline Silvio
Segretarju Ezekuttiv

Terrence Ellul
Sindku

**12 ta' Jannar 2019**